KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
CRUZ VILLALÓN
ippreżentati fit-22 ta' Mejju 2014[1]

Kawża C-201/13

Johan Deckmyn
u
Vrijheidsfonds VZW
vs
Helena Vandersteen,
Christiane Vandersteen,
Liliana Vandersteen,
Isabelle Vandersteen,
Rita Dupont,
Amoras II CVOH
u
WPG Uitgevers België[talba għal deċiżjoni preliminari,

imressqa mill-hof van beroep te Brussel (il-Belġju)]

"Direttiva 2001/29/KE — Drittijiet tal-awtur — Artikolu 5(3)(k) tad-Direttiva 2001/29/KE — Dritt ta' riproduzzjoni — Eċċezzjonijiet — Parodija — Kunċett awtonomu tad-dritt tal-Unjoni — Drittijiet Fundamentali — Prinċipji ġenerali"

1. Permezz ta' din it-talba għal deċiżjoni preliminari, il-hof van beroep ta' Brussell staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja diversi domandi dwar in-natura u t-tifsira tal-kunċett ta' "parodija" bħala wieħed mill-eċċezzjonijiet għad-drittijiet esklużivi ta' riproduzzjoni, id-distribuzzjoni, il-komunikazzjoni lill-pubbliku tax-xogħlijiet u t-tqegħid għad-dispożizzjoni lill-pubbliku ta' suġġett protett li, b'mod fakultattiv għall-Istati, jinsab fl-Artikolu 5(3)(k) tad-Direttiva 2001/29/KE[2] (iktar 'il quddiem id-"Direttiva"). Id-dehra u l-konfigurazzjoni tar-rappreżentazzjoni grafika li huma fl-oriġini tal-kawża prinċipali wasslu biex il-qorti tar-rinviju inkludiet il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta") mar-regoli tal-Unjoni li tqis rilevanti. Bl-istess mod, il-Qorti tal-Ġustizzja stiednet lill-partijiet ikkonċernati msemmija fl-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea biex jagħmlu osservazzjonijiet matul is-seduta dwar l-effett li jista' jkollhom ċerti drittijiet li jinsabu fil-Karta fl-interpretazzjoni tal-eċċezzjoni msemmija.

2. It-tilwima msemmija tirriżulta minn kalendarju mqassam f'avveniment pubbliku li fuq il-qoxra tiegħu kellu episodju minn "komik" magħruf li fuqu saru tibdiliet bil-għan u bir-riżultat li jiġi trażmess messaġġ dwar l-ideoloġija tal-partit politiku *Vlaams Belang*.

1 — Lingwa oriġinali: l-Ispanjol.

2 — Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Mejju 2001, dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 230).

3. F'dawn it-termini, u b'rabta mal-preċiżjoni tal-imsemmi kunċett ta' "parodija", din il-kawża toffri lill-Qorti tal-Ġustizzja l-opportunità li tieħu deċiżjoni, għalkemm sa fejn ikun meħtieġ biss biex tipprovdi risposta utli, dwar kwistjoni b'portata ċertament wiesgħa, li hija dik relatata mal-kunsiderazzjoni li d-drittijiet fundamentali għandhom jingħataw mill-qorti ċivili meta, fil-kawża prinċipali, japplika kunċett integrat fid-dritt idderivat tal-Unjoni.

I. **Il-kuntest ġuridiku**

A. *Id-dritt tal-Unjoni*

4. Il-premessi 3, 19 u 31 tad-Direttiva huma fformulati kif ġej:

"(3) L-armonizzazzjoni proposta tgħin biex timplimenta l-erba' libertajiet tas-suq intern u għandha x'taqsam mall-konformità mal-prinċipji fundamentali tal-liġi u speċjalment tal-proprjetà, inkluża proprjetà intellettwali, u libertà ta' espressjoni u l-interess pubbliku.

[…]

(19) Id-drittijiet morali tad-detenturi tad-drittijiet għandhom jiġu eżerċitati skond il-leġislazzjoni ta' l-Istati Membri u d-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Berna għall-Protezzjoni tax-Xogħolijiet Letterarji u Artistiċi, tat-Trattat dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur WIPO u tat-Trattat tal-Wirjiet u Fonogrammi Wipo. Dawn id-drittijiet morali jibqgħu barra l-kamp ta' applikazzjoni ta'din id-Direttiva.

[…]

(31) Bilanċ ġust ta' drittijiet u interessi bejn il-kategoriji differenti ta' detenturi ta' drittijiet, kif ukoll bejn il-kategoriji differenti ta' detenturi ta' drittijiet u utentu ta' materjal protett għandhom ikunu salvagwardati. L-eċċezzjonijiet u limitazzjonijiet eżistenti tad-drittijiet kif stipulati mill-Istati Membri għandhom ikunu stmati mill-ġdid fl-isfond ta' l-ambjent elettroniku ġdid. Differenzi eżistenti fl-eċċezzjonijiet u limitazzjonijiet ta' ċerti atti ristretti għandhom effetti diretti negattivi fuq il-funzjonament tas-suq intern tad-drittijiet ta' l-awtur u drittijiet relatati. Dawn id-differenzi jistgħu faċilment isiru aktar notevoli bħala riżultat ta' żvilupp akbar ta' sfruttament ta' xogħolijiet li jaqsam il-fruntieri u attivitajiet transperiferali. Sabiex jiżguraw il-funzjonament sew tas-suq intern, dawn l-eċċezzjonijiet u limitazzjonijiet għandhom ikunu mfissra aktar armonjożament. Il-grad ta' armonizzazzjoni tagħhom għandu jkun ibbażat fuq l-impatt tagħhom fuq il-funzjonament faċli tas-suq intern".

5. L-Artikolu 2 tad-Direttiva jistabbilixxi:

"L-Istati Membri għandhom jipprovdu għad-dritt esklussiv li jawtorizza jew jipprojbixxi riproduzzjoni diretta jew indiretta, temporanja jew permanenti b'kull mezz u f'kull forma, kollha jew parti:

a) għall-awturi, tax-xogħolijiet tagħhom;

[…]"

6. Fl-Artikoli 3 u 4 tagħha, din id-direttiva tipprovdi t-twaqqif ta' drittijiet esklużivi oħrajn, jiġifieri d-dritt ta' komunikazzjoni lill-pubbliku ta' xogħlijiet, id-dritt li suġġett protett ieħor ikun disponibbli għall-pubbliku u d-dritt ta' distribuzzjoni.

7. L-Artikolu 5 tad-Direttiva jipprovdi eċċezzjonijiet u limitazzjonijiet. Għall-finijiet ta' din il-proċedura għandha tiġi enfasizzata l-eċċezzjoni li ġejja:

"3. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal eċċezzjonijiet jew limitazzjonijiet għad-drittijiet li hemm provdut dwarhom fl-Artikoli 2 u 3 fil-każi li ġejjin:

[…]

k) użu għal skop ta' karikatura, parodija jew pastiċċ; […]

4. Fejn l-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal eċċezzjoni jew limitazzjoni għad-dritt ta' riproduzzjoni skond il-paragrafi 2 u 3, huma bl-istess mod jistgħu jipprovdu għal eċċezzjoni jew limitazzjoni għad-dritt ta' distribuzzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 4 sa fejn ikun ġustifikat mill-iskop ta' l-att ta' riproduzzjoni awtorizzat.

5. L-eċċezzjonijiet u l-limitazzjonijiet li hemm provdut dwarhom fil-paragrafi 1, 2, 3 u 4 għandhom ikunu applikati biss f'ċerti każi speċjali li ma jmorrux kontra l-isfruttament normali tax-xogħol jew suġġett ieħor u ma jippreġudikawx b'mod bla raġuni l-interessi leġittimi tad-detentur tad-drittijiet".

B. *Id-dritt nazzjonali*

8. Il-Wet betreffende het auteursrecht en de naburige rechten tat-30 ta' Ġunju 1994 betreffende het auteursrecht (Liġi dwar id-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati) tistabbilixxi, fl-Artikolu 1 tagħha:

"1. L-awtur ta' xogħol letterarju jew artistiku biss għandu jkollu d-dritt ta' riproduzzjoni jew li jordna riproduzzjoni, bi kwalunkwe mod jew f'kwalunkwe forma (diretta jew indiretta, temporanja jew permanenti, totalment jew parzjalment).

Dan id-dritt jinkludi, fost l-oħrajn, id-dritt esklużiv li jingħata permess biex ix-xogħol jiġi adattat jew tradott. [...]

L-awtur ta' xogħol letterarju jew artistiku biss għandu jkollu d-dritt li jikkomunika x-xogħol lill-pubbliku, billi jsegwi kwalunkwe proċedura, inkluż it-tqegħid għad-dispożizzjoni lill-pubbliku b'mod tali li jirriżulta aċċessibbli għall-membri tal-pubbliku f'post u f'mument magħżul individwalment minnhom.

L-awtur ta' xogħol letterarju jew artistiku biss għandu jkollu d-dritt li jawtorizza d-distribuzzjoni lill-pubbliku tax-xogħol oriġinali jew kopji ta' dan ix-xogħol, kemm permezz tal-bejgħ tiegħu jew permezz ta' kwalunkwe metodu ieħor […].

2. L-awtur ta' xogħol letterarju jew artistiku għandu jkollu d-dritt morali inaljenabbli fuq dan ix-xogħol.

Ir-rinunzja ġenerali għall-eżerċizzju futur tad-dritt għandha tkun nulla. Dan jinkludi wkoll id-dritt li x-xogħol isir magħruf lill-pubbliku […].

Għandu jkollu d-dritt fuq ix-xogħol tiegħu, li jagħtih id-dritt li jopponi kwalunkwe bidla f'dan ix-xogħol.

Minkejja kull rinunzja, għandu jinżamm id-dritt li jopponi għal kwalunkwe distorsjoni, mutilazzjoni jew kwalunkwe tibdil ieħor fuq ix-xogħol, jew kwalunkwe dannu ieħor ikkawżat fuq ix-xogħol li jista' jippreġudika l-unur jew ir-reputazzjoni tiegħu." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

9. Fl-aħħar nett, l-Artikolu 22(1) jistabbilixxi kif ġej:

“Meta x-xogħol jiġi ppubblikat b’mod legali, l-awtur ma jkollux id-dritt li jopponi: […]

6. il-karikaturi, parodiji jew pastiċċi, imwettqa b’mod konformi mal-użanzi aċċettati tal-moralità”.

II. **Il-fatti u l-kawża prinċipali**

10. Il-proċedura prinċipali tikkonċerna żewġ appelli magħquda fejn ir-rikorrenti fl-ewwel istanza allegaw ksur tad-drittijiet tal-awtur tagħhom fuq il-komik “*Suske en Wiske*” [3].

11. Dawn ir-rikorrenti huma l-werrieta ta’ Willebrord Vandersteen, il-kreatur tal-istejjer tal-komik *Suske en Wiske*, kif ukoll żewġ kumpanniji li xtraw id-drittijiet fuq dan il-komik.

12. Il-konvenuti f’dan il-każ kienu Johan Deckmyn, membru tal-partit politiku Vlaams Belang, u Vrijheidsfonds, assoċjazzjoni li l-għan tagħha huwa li tagħti appoġġ finanzjarju u materjali lil dan il-partit politiku u li tistampa u tqassam pubblikazzjonijiet permezz tal-mezzi ta’ komunikazzjoni kollha.

13. Fir-riċeviment fil-belt ta’ Gent li seħħ fl-okkażjoni tas-sena l-ġdida tal-2011, Johan Deckmyn qassam xi kalendarji fejn deher fihom bħala l-editur responsabbli u li fuq il-qoxra kien jidher, b’mod ċar, fost elementi oħra dak li dak iż-żmien kien is-sindku ta’ dik il-belt imlibbes tunika twila bajda bil-bandiera bit-tliet kuluri Belġjana ssikkata ma’ qaddu. Skont ir-rikorrenti l-qoxra kienet tal-kulur oranġjo li huwa l-kulur karatteristiku tal-qoxra tal-komik *Suske en Wiske* u fil-parti ta’ isfel tad-disinn kien hemm miktub “Fré [l-awtur tad-disinn] b’verżjoni liberament adattata minn Vandersteen”.

3 — Il-komik *Suske en Wiske* huwa komik maħluq fl-1945 u huwa magħruf ħafna speċjalment fil-qasam lingwistiku Olandiż.

14. L-istampa fuq il-qoxra kienet din li ġejja:



15. L-istess disinn (iktar 'il quddiem il-"qoxra kkontestata") deher ukoll fil-web page ta' Vlaams Belang kif ukoll fil-pubblikazzjoni "*De Strop*" tal-istess partit, u tqassam fiż-żona tal-belt ta' Gent.

16. Fit-13 ta' Jannar 2011, Johan Deckmyn u l-Vrijheidsfonds tressqu quddiem ir-Rechtbank van Eerste Aanleg (qorti tal-prim'istanza) ta' Brussell. Ir-rikorrenti allegaw ksur tad-drittijiet tal-awtur tagħhom fuq il-qoxra ta' episodju ta' *Suske en Wiske* li sar fl-1991 minn W. Vandersteen bit-titolu "*De Wilde Weldoener*" (simili għal "Il-benefattur kompulsiv"), riprodotta hawn taħt



17. Skont ir-rikorrenti, il-qoxra tal-kalendarju mqassam kienet taqbel b'mod estensiv ma' dik fl-episodju msemmi ta' dan il-komik, minbarra l-fatt li, fil-qoxra kkontestata, il-benefattur ta' *Suske en Wiske* huwa mibdul f'karattru politiku reali filwaqt li n-nies li jiġbru l-flus li qed iqassam il-benefattur fl-istampa tal-komik huma mlibbsin burka jew huma persuni ta' kulur.

18. Fil-kuntest ta' proċedura b'urġenza, ir-Rechtbank van Eerste Aanleg laqgħet it-talba bis-sentenza tas-17 ta' Frar 2011, billi d-distribuzzjoni mhux awtorizzata tal-kalendarju ġiet ikkunsidrata bħala ksur tad-drittijiet tal-awtur u l-konvenuti ġew ordnati jwaqqfu l-użu, fi kwalunkwe forma, tal-kalendarji u tal-qoxra mibdula kif ukoll li jħallsu multa ta' EUR 5 000 għal kull ksur imwettaq kontra l-ordni tat-twaqqif, b'massimu ta' EUR 500 000 għal kull jum ta' nuqqas ta' twettiq tal-ordni ta' waqfien.

19. Fil-15 ta' April 2011, dik is-sentenza ġiet appellata mill-konvenuti li tilfu l-kawża quddiem il-hof van beroep (Qorti tal-Appell) ta' Brussell, fejn essenzjalment argumentaw li l-qorti ma kellhiex ġurisdizzjoni, li l-Vrijheidsfonds ma kellhiex relazzjoni mal-kawża u li l-ebda wieħed mill-konvenuti fl-ewwel istanza ma kellu x'jaqsam mas-sit internet ta' Vlaams Belang, li r-rikorrenti fl-ewwel istanza ma kellhomx drittijiet jew ma pproduċewx prova li kellhom drittijiet u li l-qoxra kkontestata hija kreazzjoni artistika mwettqa mill-kartunista Fré u mhux minn W. Vandersteen, li, fl-aħħar nett kienet tikkostitwixxi parodija, pastiċċ jew karikatura fis-sens tal-Artikolu 22(1)(6) tal-Liġi tat-30 ta' Ġunju 1994.

20. Min-naħa tagħhom, l-appellati talbu li l-appell jiġi miċħud, filwaqt li ppreżentaw appell inċidentali sabiex il-konvenuti jiġu pprojbiti milli jużaw disinni ta' karattri ta' Suske u Wiske, bi kwalunkwe mod, fuq kwalunkwe mezz li fih tidher l-espressjoni "Vlaams Belang". Huma jargumentaw li l-aspett globali tax-xogħol oriġinali, il-karattri ta' Suske u Wiske, il-font, it-titolu u l-kulur tipiċi tal-qoxra tal-komiks

huma rikonoxxuti b'mod inekwivokabbli fil-qoxra kkontestata. Barra minn hekk, f'din tal-aħħar il-karattri li jiġbru l-flus li l-benefattur iqassam, f'xi każijiet huma nies mgħottijin bil-burka, u xi oħrajn huma nies ta' kulur, u għalhekk jingħata messaġġ diskriminatorju. Huma jsostnu li xi wħud minn dawk li rċevew il-kalendarju għall-ewwel kellhom l-impressjoni li dan kien rigal mill-pubblikatur ta' Suske en Wiske. Huwa biss wara li l-kalendarju jinfetaħ u jiġi eżaminat f'iktar dettall li wieħed jikkonstata li fil-fatt dan kien messaġġ promozzjonali tal-partit politiku Vlaams Belang. Il-pubbliku għalhekk jieħu l-impressjoni li l-appellati preżenti approvaw il-kampanja ta' Vlaams Belang, partit tal-lemin estrem, li ma kienx assolutament jirrifletti r-realtà. Billi x-xogħol oriġinali ntuża b'dan il-mod, ġew miksura d-drittijiet morali u tal-isfruttament tiegħu. Id-disinn ma kellux l-għan li jwaqqa' lil W. Vandersteen għaċ-ċajt, u lanqas lill-karattri fil-komiks, iżda lis-sindku ta' Gent, u ma jissodisfax ir-rekwiżiti tal-parodija li huma li għandu jkollu skop kritiku, juri li huwa xogħol oriġinali, li jkollu għan umoristiku kif ukoll l-intenzjoni li jwaqqa' x-xogħol oriġinali għaċ-ċajt, ma jikkawżax konfużjoni rigward ix-xogħol oriġinali, u ma jieħux mix-xogħol oriġinali iktar elementi figurattivi minn dawk strettament meħtieġa għat-twettiq tal-parodija.

III. **It-talbiet għal deċiżjoni preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja**

21. Permezz ta' deċiżjoni tat-8 ta' April 2013, il-hof van beroep ċaħdet it-talbiet tal-appellanti għall-ammissibbiltà tal-każ, issospendiet il-proċeduri u għamlet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, skont l-Artikolu 267 TFUE, id-domandi li ġejjin:

"1. Il-'parodija' hija kunċett awtonomu tad-dritt tal-Unjoni?

2. Jekk ir-risposta għall-ewwel domanda tkun fl-affermattiv, parodija għandha tissodisfa l-kundizzjonijiet segwenti jew tikkonforma mal-karatteristiċi segwenti:

— ikollha karattru oriġinali tagħha (oriġinalità);

— ikollha dan il-karattru b'tali mod li l-parodija ma tistax raġonevolment tiġi attribwita lill-awtur tax-xogħol oriġinali;

— tkun intiża biex toħloq umoriżmu jew twaqqa' għaċ-ċajt, irrispettivament mill-fatt li l-kritika eventwalment magħmula f'dan ir-rigward tkun tolqot ix-xogħol oriġinali jew lil xi ħaġa jew lil xi ħadd;

— issemmi s-sors tax-xogħol li jkun is-suġġett tal-parodija?

3. Xogħol għandu jissodisfa wkoll kundizzjonijiet oħra jew jikkonforma ma' karatteristiċi oħra biex ikun jista' jiġi kklassifikat bħala parodija?"

22. Il-Kummissjoni ppreżentat osservazzjonijiet bil-miktub.

23. B'mod konformi mal-Artikolu 61 tar-Regoli tal-Proċedura tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja stiednet lill-persuni kkonċernati msemmija fl-Artikolu 23 tal-Istatut biex jagħtu l-osservazzjonijiet tagħhom dwar l-impatt li l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari l-Artikoli 1 (id-dinjità tal-bniedem); 11(1) (il-libertà ta' espressjoni u tal-informazzjoni); 13 (il-libertà tal-arti u x-xjenzi); 17 (id-dritt għall-proprjetà); 21(1) (in-nondiskriminazzjoni) u 22 (id-diversità kulturali, reliġjuża u lingwistika) jista' jkollhom fuq l-interpretazzjoni tal-Artikolu5(3)(k) tad-Direttiva 2001/29.

24. Fis-seduta tas-7 ta' Jannar 2014 dehru l-Kummissjoni u r-Renju tal-Belġju.

IV. **Analiżi**

25. Bl-ewwel domanda tagħha, il-hof van beroep tixtieq tistaqsi jekk il-kunċett ta' "parodija" inkorporat bħala eċċezzjoni fl-Artikolu 5(3)(k) tad-Direttiva 2001/29 huwiex kunċett awtonomu tad-dritt tal-Unjoni. Permezz tat-tieni u tat-tielet domanda, magħmulin f'każ ta' risposta affermattiva għall-ewwel domanda u li għandhom jiġu risposti flimkien, il-hof van beroep titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tistabbilixxi l-kriterji rilevanti biex jiġu stabbiliti sitwazzjonijiet li fihom xogħol jikkostitwixxxi parodija fis-sens tad-dispożizzjoni msemmija.

26. Għandu jiġi enfasizzat li, skont id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu d-dritt esklużiv li jawtorizzaw jew jipprojbixxu r-riproduzzjoni tax-xogħol (l-Artikolu 2) u d-dritt esklużiv li jawtorizzaw jew jipprojbixxu kwalunkwe komunikazzjoni ta' xogħol lill-pubbliku (Artikolu 3(1)). Irrispettivament minn dan, l-Artikolu 5(3) jippermetti lill-Istati Membri li jipprovdu sensiela ta' eċċezzjonijiet jew limitazzjonijiet fuq dawn id-drittijiet, u l-ittra (k) hija waħda minn dawn l-eċċezzjonijiet possibbli ("użu għal skop ta' karikatura, parodija jew pastiċċ"). Il-leġiżlatur Belġjan għamel użu minn din il-possibbiltà, billi inkorpora din l-eċċezzjoni fl-Artikolu 22(1)(6) tal-Liġi tat-30 ta' Ġunju 1994, imsemmija iktar 'il fuq.

A. *Osservazzjonijiet preliminari*

27. Qabel ma ngħaddi biex nipproponi risposta għad-domandi li tagħmel il-qorti tar-rinviju rigward il-kunċett ta' "parodija" fis-sens tad-Direttiva 2001/29, nikkunsidra li huwa importanti li jiġi osservat dak li *ma jintalabx* lill-Qorti tal-Ġustizzja.

28. L-ewwel nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ma hijiex mitluba tiddeċiedi rigward il-portata tal-kunċett ta' "dritt morali" bħala aspett tal-proprjetà intellettwali espressament eskluż mill-qafas tad-Direttiva. Id-Direttiva 2001/29 tipprovdi b'mod ċar fil-premessa 19 tagħha li d-"drittijiet morali tad-detenturi tad-drittijiet għandhom jiġu eżerċitati skond il-leġislazzjoni ta' l-Istati Membri u d-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Berna għall-Protezzjoni tax-Xogħolijiet Letterarji u Artistiċi, tat-Trattat dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur WIPO u tat-Trattat tal-Wirjiet u Fonogrammi Wipo. Dawn id-drittijiet morali jibqgħu barra l-kamp ta' applikazzjoni ta'din id-Direttiva"[4]. F'dawn it-termini, id-deċiżjoni dwar jekk kienx hemm ksur tad-drittijiet morali jew le taqa' taħt id-diskrezzjoni totali tal-qorti nazzjonali.

29. It-tieni nett, il-qorti tar-rinviju lanqas ma tistaqsi dwar l-ambitu li f'din il-kawża jista' jkollha l-"kundizzjoni tripla" (magħrufa wkoll bħala "test fi tliet fażijiet") prevista b'mod ġenerali fl-Artikolu 5(5) tad-Direttiva, skont liema l-eċċezzjoni ta' parodija għandha tapplika "f'ċerti każi speċjali li ma jmorrux kontra l-isfruttament normali tax-xogħol jew suġġett ieħor u ma jippreġudikawx b'mod bla raġuni l-interessi leġittimi tad-detentur tad-drittijiet". Il-verifika dwar jekk fil-kawża prinċipali jiġux issodisfatti jew le kull waħda mill-imsemmija kundizzjonijiet hija wkoll fid-diskrezzjoni tal-qorti nazzjonali.

30. Fl-aħħar nett, il-qorti tar-rinviju lanqas ma staqsiet dwar l-ambitu li, mill-perspettiva tad-dritt tal-Unjoni, jista' jkollha r-riżerva stabbilita mil-liġi Belġjana biex tippermetti l-eċċezzjoni ta' parodija "fl-osservanza tal-użanzi aċċettati tas-soċjetà".

4 — Skont l-Artikolu 6a(1) tal-Konvenzjoni ta' Berna għall-Protezzjoni tax-Xogħlijiet Letterarji u Artistiċi l-awtur għandu d-dritt li "joġġezzjona għal kwalunkwe distorsjoni, mutilazzjoni jew modifika oħra ta', jew azzjoni derogatorja oħra relatata ma' l-imsemmi xogħol, li tista' tkun ta' preġudizzju għall-unur jew għar-reputazzjoni tiegħu". Ara, rigward id-drittijiet morali, Grosheide, W., *Moral rights*, f'Derclaye, E., *Research Handbook on the Future of EU Copyright*, Cheltenham: Edward Elgar 2009, pp. 242-266, u von Lewinski, S., *International Copyright Law and Policy*, Oxford: OUP 2008, pp. 133-137.

31. Għalhekk, għandi nindika biss li l-kunsiderazzjonijiet li se nesprimi minn hawn 'il quddiem bħala risposta għad-domandi tal-qorti tar-rinviju għandhom jinftiehmu bħala fatti, u nixtieq nenfasizza dan, bla ħsara għall-mod kif il-qorti nazzjonali tista' tikkunsidra l-kategoriji li ser inkompli nirreferi għalihom, meta tiġi biex tieħu deċiżjoni dwar il-kawża prinċipali.

B. *L-ewwel talba preliminari*

32. Permezz tal-ewwel talba preliminari tagħha, il-hof van beroep tistaqsi jekk il-kunċett ta' "parodija" huwiex kunċett awtonomu tad-dritt tal-Unjoni.

33. L-istess hof van beroep tidher li hija inklinata li tiddikjara n-neċessità għal interpretazzjoni awtonoma tal-kunċett minħabba r-rekwiżiti ta' applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni u tal-prinċipju ta' ugwaljanza, kif ukoll l-assenza ta' riferiment espress għad-dritt tal-Istati Membri biex jiġi stabbilit is-sens ta' "parodija". Il-Kummissjoni u r-Renju tal-Belġju jaqblu li l-kunċett ta' parodija għandu jiġi interpretat b'mod awtonomu u uniformi, filwaqt li t-tnejn li huma jsostnu li l-Istati Membri jgawdu minn ċerta marġni ta' diskrezzjoni.

34. Jiena wkoll naqbel ma' din l-opinjoni. Id-Direttiva ma tiddefinixxix it-terminu "parodija", iżda lanqas ma tirreferi għad-dritt tal-Istati Membri biex jiddefinixxu dan.

35. Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, ir-rekwiżiti li jirriżultaw mill-applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni kif ukoll mill-prinċipju ta' ugwaljanza jimponu li fejn dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni ma tirreferix għad-dritt tal-Istati Membri sabiex jiġu ddeterminati s-sens u l-portata tagħha, id-dispożizzjoni għandha tiġi interpretata b'mod awtonomu u uniformi, b'kunsiderazzjoni tal-kuntest ta' din id-dispożizzjoni u tal-għan imfittex mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni [5]. Dan iwassal għall-konklużjoni li l-kunċett ta' "parodija" fl-Artikolu 5(3)(k) tad-Direttiva huwa kunċett awtonomu tad-dritt tal-Unjoni.

36. Din il-konklużjoni hija kkonfermata mill-għan tad-Direttiva stess, li, skont it-titolu tagħha, l-għan tagħha huwa l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni. Huwa b'mod konformi ma' dan l-għan ukoll li d-Direttiva tistabbilixxi, skont il-premessa 32 tagħha, lista eżawrjenti ta' eċċezzjonijiet u limitazzjonijiet għad-drittijiet ta' riproduzzjoni u ta' komunikazzjoni lill-pubbliku, filwaqt li jitqiesu t-tradizzjonijiet legali differenti fl-Istati Membri filwaqt li jiġi żgurat il-funzjonament tas-suq intern. Skont l-istess premessa 32, l-Istati Membri "għandhom jaslu għal applikazzjoni koerenti ta' dawn l-eċċezzjonijiet u limitazzjonijiet […]".

37. Din il-konklużjoni ma hijiex ikkontestata mill-fatt li l-eċċezzjoni msemmija fl-Artikolu 5(3)(k) tad-Direttiva għandha natura fakultattiva, b'tali mod li l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu jekk jixtiqux jagħmlu eċċezzjoni għall-karikaturi, għall-parodiji jew għall-pastiċċi. Bħalma diġà stabbilixxiet il-Qorti tal-Ġustizzja rigward l-eċċezzjoni msemmija fl-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva, fakultattiva wkoll, "interpretazzjoni li tipprovdi l-Istati Membri li jkunu introduċew tali eċċezzjoni identika, prevista mid-dritt tal-Unjoni [...] huma liberi li jippreċiżaw il-parametri tagħha b'mod inkoerenti u mhux armonizzat, suxxettibbli li jvarjaw minn Stat Membru għall-ieħor, huwa kuntrarju għall-għan tal-imsemmija direttiva" [6].

5 — Padawan (C-467/08, EU:C:2010:620), punt 32; Ekro (327/82, EU:C:1984:11), punt 11; SENA (C-245/00, EU:C:2003:68), punt 23; A (C-523/07, EU:C:2009:225), punt 34.

6 — Padawan (EU:C:2010:620), punt 36.

38. Fl-aħħar nett, għandu jiġi enfasizzat li n-natura ta' "kunċett awtonomu" tad-dritt tal-Unjoni ma teskludix li, fil-każ li direttiva — bħal f'dan il-każ — ma tipprovdix kriterji biżżejjed preċiżi sabiex jiġu ddefiniti l-obbligi li jirriżultaw minnha, l-Istati Membri jistgħu jgawdu minn marġni ta' diskrezzjoni wiesgħa biex jiddeterminaw tali kriterji [7].

39. Għal dawn ir-raġunijiet, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għall-ewwel domanda magħmula li l-kunċett ta' "parodija" huwa kunċett awtonomu tad-dritt tal-Unjoni.

C. *It-tieni u t-tielet domandi preliminari*

40. Peress li l-ewwel domanda ngħatat risposta fl-affermattiv, xieraq li nindirizza d-domandi l-oħrajn. Għandu jitfakkar li t-tieni domanda tistaqsi dwar numru ta' karatteristiċi possibbli jew kundizzjonijiet neċessarji li għandhom ikunu ssodisfatti f'xogħol partikolari biex dan ix-xogħol ikun jista' jiġi rikonoxxut bħala "parodija", bil-konsegwenzi li jirriżultaw mir-regoli tad-drittijiet tal-awtur. Permezz tat-tielet domanda l-qorti tar-rinviju sempliċement tistaqsi jekk, minbarra l-karatteristiċi jew il-kundizzjonijiet li hija tipproponi, għandux ikun hemm oħrajn. F'dawn it-termini, inqis li jagħmel sens li dawn iż-żewġ domandi jingħaqdu f'waħda.

41. F'dan is-sens, għandu jitfakkar li l-Kummissjoni tipproponi li l-kunċett ta' parodija jiġi interpretat fis-sens li din hija imitazzjoni ta' xogħol protett mid-Direttiva li ma tikkostitwixxix karikatura jew pastiċċ, u li turi intenzjoni umoristika jew li twaqqa' għaċ-ċajt. B'mod iktar partikolari, ebda wieħed mill-karatteristiċi proposti mill-hof van beroep fit-tieni domanda tagħha ma hija, skont il-Kummissjoni, element neċessarju għad-definizzjoni tal-kunċett, għalkemm tirrikonoxxi r-rilevanza partikolari tal-element umoristiku jew li jwaqqa' għaċ-ċajt.

42. Min-naħa tiegħu, ir-Renju tal-Belġju, fl-osservazzjonijiet orali tiegħu, ma kkunsidrax li d-distinzjoni bejn "parodija", "karikatura" u "pastiċċ" għandu jkollha rwol fid-definizzjoni ta' parodija, u fakkar li t-tliet kunċetti huma simili wisq biex tkun tista' ssir distinzjoni bejniethom. Parodija tkun imitazzjoni, magħmula bl-intenzjoni li twaqqa' għaċ-ċajt, ta' xogħol protett mid-Direttiva, mingħajr ma din l-imitazzjoni tkun tista' toħloq konfużjoni max-xogħol oriġinali. Il-parodija, bħala kunċett tad-dritt tal-Unjoni, ma tinkorporax il-kunċett ta' "użanzi aċċettati tas-soċjetà", liema kunċett jista' jiddaħħal fil-livell nazzjonali u huwa użat mil-leġiżlazzjoni Belġjana, li għandu jiġi kkunsidrat mill-Istati Membri, għalkemm il-marġni ta' diskrezzjoni tagħhom huwa limitat fid-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, fid-drittijiet fundamentali u fit-tliet rekwiżiti imposti mill-Artikolu 5(5) tad-Direttiva.

43. B'kunsiderazzjoni ta' dak li ntqal hawn fuq, għandu jiġi deċiż li l-interpretazzjoni tal-Artikolu 5(3)(k) tad-Direttiva hija mdaħħla fil-kuntest ta' ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja diġà pjuttost żviluppata rigward l-Artikolu 5 tad-Direttiva. Minn din il-ġurisprudenza jirriżulta li r-rekwiżiti elenkati fl-Artikolu 5 għandhom ġeneralment jiġu interpretati b'mod strett, sa fejn jistabbilixxu eċċezzjonijiet għar-regola ġenerali tad-Direttiva li tgħid li d-detentur tad-drittijiet tal-awtur għandu jawtorizza kull riproduzzjoni ta' xogħol protett [8]. Dan l-obbligu ta' interpretazzjoni stretta jirrifletti wkoll l-istorja tad-dispożizzjoni, li ġiet introdotta, flimkien ma' eċċezzjonijiet oħrajn, mill-Kunsill matul il-proċedura leġiżlattiva, sabiex tiġi ssodisfatta t-talba ta' xi Stati Membri fis-sens li jiġu inkorporati numru ta' eċċezzjonijiet addizzjonali ddefiniti b'mod strett [9].

7 — Ara s-sentenzi Painer (C-145/10, EU:C:2011:798), punti 101-103; SENA (EU:C:2003:68), punt 38; u Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (C-433/02, EU:C:2003:567), punt 19.

8 — Digriet Infopaq International (C-302/10, EU:C:2012:16), punt 27; Painer (C-145/10, EU:C:2011:798), punt 109; Infopaq International (C-5/08, EU:C:2009:465), punti 56 u 57; Football Association Premier League *et* (C-403/08 u C-429/08, EU:C:2011:631), punt 162; Luksan (C-277/10, EU:C:2012:65), punt 101.

9 — Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, Position commune arrêtée par le Conseil en vue de l'adoption de la directive du Parlement européen et du Conseil sur l'harmonisation de certains aspects du droit d'auteur et des droits voisins dans la société de l'information, Exposé des motifs du Conseil 9512/1/00 REV 1 ADD 1, punt 35.

44. Għandu jitqies, irrispettivament minn dak li ntqal hawn fuq, li l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja għandha ħafna sfumaturi, u tħalli spazju wiesa' fir-rigward tal-partikolaritajiet ta' kull eċċezzjoni. Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja wriet li hija favur marġni ta' diskrezzjoni wiesgħa tal-Istati Membri biex tiġi stabbilita l-eċċezzjoni tal-Artikolu 5(3)(e) tad-Direttiva [10]. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat ukoll li l-interpretazzjoni tal-eċċezzjonijiet għandha tissalvagwardja l-effettività tagħhom [11].

45. B'dan il-mod, u skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-kunċett ta' parodija, bħal kull kunċett tad-dritt tal-Unjoni, għandu jiġi interpretat skont it-tifsira komuni tat-termini tad-dispożizzjoni fil-lingwa ta' kuljum, filwaqt li fl-istess ħin jittieħed inkunsiderazzjoni l-kuntest li fih jintużaw, u l-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni li jifformaw parti minnha [12].

46. Jekk nibdew miċ-ċirkustanza li l-eċċezzjoni ta' "parodija" ma tidhirx b'mod iżolat iżda, għall-kuntrarju, tidher bħala parti minn serje ta' tliet kategoriji msemmijin b'mod kontinwu ("karikatura [13], parodija jew pastiċċ [14]"), ma jidhirlix li paragun ma' kull wieħed mill-kunċetti li tikkoeżisti magħhom huwa partikolarment rilevanti għall-finijiet tagħna. L-assenjazzjoni, f'każ konkret, ta' xogħol partikolari ta' awtur għal kunċett jew ieħor tista' tirriżulta kunfliġġenti, jekk ma tiġix ippreżentata f'sitwazzjoni kompetittiva. Bħala tali, ma nqisx li huwa neċessarju li tkompli ssir din id-distinzjoni, għax finalment, dawn il-kunċetti kollha għandhom l-istess effett li jeċċepixxu d-drittijiet tal-awtur tax-xogħol oriġinali li, b'xi mod jew ieħor, huwa preżenti fix-xogħol, li jista' jintqal li huwa dderivat.

47. Wara li jiġi ddeterminat dan, u filwaqt li tiġi indirizzata l-kwistjoni tat-tifsira tal-kelma "parodija", jidher li huwa sens komun li nibdew mid-definizzjonijiet tagħha li nsibu fid-dizzjunarji tal-lingwa. Għalhekk, bil-Kastiljan parodija tfisser, sempliċiment, "imitazzjoni li twaqqa' għaċ-ċajt" [15], definizzjoni kważi identika għal dik bil-Franċiż:"*imitation burlesque (d'une œuvre sérieuse)*" [16]. Bil-Ġermaniż il-parodija hija ddefinita bħala "*komische Umbildung ernster Dichtung; scherzh[afte] Nachahmung* […]" [17], bl-Olandiż bħala "*grappige nabootsing om iets bespottelijk te maken*" [18] u, fl-aħħar nett, bl-Ingliż "*A prose, verse or (occas[ionally]) other artistic composition in which the characteristic themes and the style of a particular work, author, etc. are exaggerated or applied to an inappropriate subject, esp[ecially] for the purposes of ridicule* […]" [19].

10 — Painer (EU:C:2011:798), punti 100 u 101.

11 — Football Association Premier League *et* (EU:C:2011:631), punt 163.

12 — Probst (C-119/12, EU:C:2012:748), punt 20; Content Services (C-49/11, EU:C:2012:419), punt 32.

13 — "Tpinġija satirika li tibdel il-fattizzi u d-dehra ta' xi ħadd. 2. Xogħol ta' arti li jirredikola jew iwaqqa' għaċ-ċajt il-mudell li jkun is-suġġett." Real Academia Española, *Diccionario de la Lengua Española*, Pozuelo de Alarcón: Espasa Calpe, it-22 edizzjoni 2001. Hawnhekk u wara dan mhux se nirreferi għal definizzjonijiet fil-qasam tal-mużika.

14 — "Imitazzjoni jew plaġjariżmu li jikkonsisti fit-teħid ta' ċerti elementi karatteristiċi tax-xogħol ta' artist u li jiġu magħquda flimkien, b'tali mod li jagħtu l-impressjoni li huma kreazzjoni indipendenti." Real Academia Española, *Diccionario de la Lengua Española*, Pozuelo de Alarcón: Espasa Calpe, it-22 edizzjoni, 2001.

15 — Real Academia Española, *Diccionario de la Lengua Española*, Pozuelo de Alarcón: Espasa Calpe, it-22 edizzjoni, 2001. Ma nirreferix għat-tifsiriet assoċjati mal-mużika.

16 — Rey-Debove, J., u Rey, A., (ed.), *Le Nouveau Petit Robert*, Pariġi, Dictionnaires le Robert, 1993.

17 — Dudenredaktion, *Duden*, Mannheim, Dudenverlag, il-25 edizzjoni 2010.

18 — *Van Dale online*, www.vandale.nl.

19 — Brown, L., (ed.), *Shorter Oxford English Dictionary*, Oxford: OUP, is-6 edizzjoni 2007.

48. Il-kuntrast bejn dawn id-definizzjonijiet juri, lil hinn mill-oriġini etimoloġika komuni [20] (it-terminu Grieg παρωδία) [21], tifsira skont il-karatteristiċi essenzjali tagħha. Dawn il-karatteristiċi komuni huma ta' żewġ tipi: minn naħa waħda, karatteristiċi strutturali biex ngħidu hekk, u min-naħa l-oħra, karatteristiċi funzjonali. Il-parodija, fid-dikjarazzjoni l-iktar skematika tagħha, hija strutturalment "imitazzjoni" u funzjonalment, "twaqqa' għaċ-ċajt". Ejja narawhom separatament.

1. Il-karatteristiċi "strutturali" tal-parodija

49. Mill-perspettiva li qed insejħilha "strutturali", il-parodija hija *kopja* u hija *kreazzjoni*, fl-istess ħin.

50. Dejjem hija, ftit jew wisq, *kopja*, mill-mument li hija xogħol ta' awtur li ma huwiex mija fil-mija oriġinali. Għall-kuntrarju, parodija tissellef elementi minn xogħol preċedenti ta' awtur (irrispettivament minn jekk dan, min-naħa tiegħu, kienx kompletament oriġinali jew le), u dawn huma elementi li, prinċipalment, ma humiex sekondarji jew dispensabbli, iżda għall-kuntrarju huma essenzjali, kif se jkun hemm l-opportunità li naraw, għat-tifsira tax-xogħol. Dan ix-xogħol preċedenti, li xi karattri jkunu kkupjati minnu, għandu jkun "jista' jiġi rikonoxxut" mill-pubbliku li l-parodija tkun maħsuba għalih. Din hija wkoll premessa tal-parodija bħala xogħol ta' awtur. F'dan is-sens, il-parodija dejjem tagħti tribut jew rikonoxximent lix-xogħol oriġinali.

51. Minbarra dan, ovvjament il-parodija hija dejjem *kreazzjoni*, fl-istess ħin. It-tibdil, kbir jew żgħir, tax-xogħol oriġinali huwa f'idejn il-ġenjalità tal-awtur tal-parodija. Fil-qosor, dan tal-aħħar huwa, finalment, l-iktar persuna li għandha interess biex il-parodija "tagħha" ma tiġix konfuża max-xogħol oriġinali, ukoll jekk ikun l-awtur tat-tnejn li huma.

52. Il-problema madankollu hija, evidentement, bħala definizzjoni dik hawnhekk, jiġifieri, dik fejn l-awtur tal-parodija u dak tax-xogħol li saret parodija tiegħu ma humiex l-istess persuna. Il-qasam li nidħlu fih hawnhekk huwa tassew imqanqal. U mhux fil-qasam tat-teorija tal-arti, li ovvjament ma hemmx lok li niddiskutih, iżda fil-qasam tad-drittijiet tal-awtur. Biżżejjed li wieħed iħares lejn id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, kemm f'livell internazzjonali kif ukoll f'livell tal-Istati Membri individwali, biex wieħed jara l-varjetà u l-intensità tal-kwistjonijiet involuti [22].

53. Mill-perspettiva tad-dritt tal-Unjoni, fejn id-Direttiva wettqet armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti tad-drittijiet tal-awtur fis-soċjetà tal-informazzjoni, il-kwistjoni mqajma hija speċifikament dik tal-livell li fih il-kunċett ta' parodija għandu jiġi stabbilit permezz tal-għoti ta' eċċezzjoni fakultattiva tat-tip inkwistjoni.

54. F'dan is-sens, jidher ċar li, lil hinn milli jfakkar il-karatteristiċi strutturali li indikajt bħala inevitabbli, id-dritt tal-Unjoni jħalli ħafna trufijiet li għandhom jiġu stabbiliti mill-ordinamenti nazzjonali tal-Istati Membri, u b'mod definittiv mill-qrati tal-ġustizzja tagħhom, li fihom ġiet introdotta din l-eċċezzjoni.

20 — Oriġini maqsuma fil-verżjonijiet lingwistiċi kollha tad-Direttiva. Bil-Bulgaru: ""пародията" biċ-Ċek: "parodie", bid-Daniż: "parodi", bil-Ġermaniż: "Parodien", bl-Estonjan: "paroodias", bil-Grieg: "παρωδία", bl-Ingliż: "parody", bil-Franċiż: "parodie", bil-Kroat: "parodije", bit-Taljan: "parodia", bil-Latvjan: "parodijās", bil-Litwan: "parodijai", bl-Ungeriż: "paródia", bil-Malti: "parodija", bl-Olandiż: "parodieën", bil-Pollakk: "parodii", bil-Portugiż: "paródia", bir-Rumen: "parodierii", bis-Slovakk: "paródie", bis-Sloven: "parodija", bil-Finlandiż: "parodiassa", bl-Isvediż: "parodi[syfte]".

21 — It-terminu diġà jidher f'*Aristóteles, Poética*, García Bacca, J. (trad. u ed.), Messiku: UNAM 1946, 1448 a.

22 — Għal studji komparattivi tal-eċċezzjoni ara Mauch, K., *Die rechtliche Beurteilung von Parodien im nationalen Urheberrecht der Mitgliedstaaten der EU*, Frankfurt am Main, Peter Lang, 2003; Mendis, D., u Kretschmer, M., *The Treatment of Parodies under Copyright Law in Seven Jurisdictions*, Newport, Intellectual Property Office, 2013/23; Ruijsenaars, H., *Comic-Figuren und Parodien: Ein Urheberrechtlicher Streifzug — Teil II: Beurteilungskriterien für die zulässige Parodie*, GRUR Int 1993, 918.

55. Għalhekk, b'mod iktar partikolari, l-Istati Membri għandhom l-obbligu li jiddeterminaw jekk il-parodija għandhiex biżżejjed elementi ta' kreazzjoni rigward ix-xogħol li qed issir parodija tiegħu jew jekk hix biss kopja b'tibdiliet irrilevanti. F'dan is-sens, il-qrati nazzjonali żviluppaw diversi kriterji [23], bħal pereżempju, jekk il-parodija allegata tistax tiġi konfuża max-xogħol oriġinali [24], jekk hemmx biżżejjed "distanza" bejnha u bejn ix-xogħol oriġinali, sabiex il-karatteristiċi ta' dan ix-xogħol oriġinali huma sfumati jew [25] finalment, jekk intużawx iktar elementi tax-xogħol oriġinali milli huwa neċessarju għall-finijiet tal-parodija [26].

56. Sabiex jiġi identifikat jekk f'dan il-każ hemmx effettivament parodija fis-sens tad-Direttiva 2001/29, nemmen li dawn il-kriterji u kriterji speċifiċi oħrajn għandhom ikunu fil-marġni ta' diskrezzjoni li d-Direttiva tagħti lill-Istati Membri, filwaqt li jitqies dak li tistabbilixxi fil-premessa 32 tagħha, jiġifieri, li dan l-elenku jikkunsidra t-tradizzjonijiet legali differenti fl-Istati Membri.

57. Il-qorti tar-rinviju, fit-tieni domanda tagħha, identifikat numru ta' kriterji possibbli adattati biex xogħol partikolari jiġi identifikat bħala "parodija". B'kunsiderazzjoni ta' dak li għedt s'issa, u f'dak li jirrigwarda d-dimensjoni "strutturali" li qed nagħmel analiżi tagħha, ir-risposta li ġejja għandha tkun biżżejjed. Ċertament, il-parodija għandha "ikollha karattru oriġinali tagħha", fil-kliem tal-qorti tar-rinviju, li jfisser raġonevolment li din ma għandhiex tiġi konfuża mal-oriġinali. Apparti dan, u b'mod konformi ma' dak li tistabbilixxi l-Kummissjoni, inqis li ebda wieħed mill-kriterji "strutturali" proposti mill-qorti tar-rinviju jilħqu l-kundizzjoni ta' elementi neċessarji jew essenzjali tad-definizzjoni tal-kunċett, mill-perspettiva tad-dritt tal-Unjoni.

58. Fil-qosor, skont id-dimensjoni "strutturali" tagħha, il-parodija għandha tipprovdi ċertu bilanċ bejn l-elementi ta' imitazzjoni u dawk ta' oriġinalità, fuq il-bażi tal-idea li l-inkorporazzjoni ta' elementi mhux oriġinali twieġeb effettivament għall-effett mixtieq mill-parodija. Għalhekk, madankollu, insibu ruħna diġà fid-dimensjoni "funzjonali" tal-parodija.

2. Id-dimensjoni "funzjonali" tal-parodija

59. Għandhom jiġu indirizzati tliet kwistjonijiet f'dan ir-rigward: L-ewwel waħda hija relatata ma' żewġ għanijiet possibbli ta' parodija, u għalhekk prattikament żewġ tipi tagħha; it-tieni, hija relatata mal-intenzjoni, u b'mod definittiv mal-"effett" li l-parodija għandha l-għan li tipproduċi; fl-aħħar nett, il-kwistjoni tal-"kontenut" tal-parodija, li huwa hawnhekk fejn tidħol il-kwistjoni tal-impatt tad-drittijiet fundamentali.

a) L-għan tal-parodija

60. L-ewwel nett inqis li issa huwa xieraq li nindirizzaw il-kwistjoni li tista' tiġi msemmija bħala l-"għan" tal-parodija, u li hija impliċitament ifformulata fit-tieni domanda, fejn il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk il-parodija hijiex intiża li toħloq umoriżmu jew twaqqa' għaċ-ċajt, "irrispettivament mill-fatt li l-kritika eventwalment magħmula f'dan ir-rigward tkun tolqot ix-xogħol oriġinali jew lil xi ħaġa jew lil xi ħadd".

23 — F'ċerti Stati Membri l-ġurisprudenza żviluppat kriterji fuq dan l-aspett għalkemm il-leġiżlazzjoni stess ma tipprovdix għal eċċezzjoni ta' parodija, bħal fil-każ tal-Ġermanja, fejn il-kwistjoni hija diskussa fil-kuntest tal-punt 24 Urheberrechtsgesetz.

24 — Fi Spanja: l-Artikolu 39 tad-Digriet Irjali Leġiżlattiv 1/1996, tat-12 ta' April (RCL 1996, 1382), AP ta' Barcelona (Sezzjoni 15), tal-10 ta' Ottubru 2003, 654/2001; AP ta' Madrid (Sezzjoni 13), tat-2 ta' Frar 2000, 280/1998. Fi Franza: Cour de Cassation (1re Ch. Civ.), tat-12 ta' Jannar 1988, RIDA 1988, 137, 98, Cour de Cassation (1re Ch. Civ.), tas-27 ta' Marzu 1990, Bull civ I Nru 75, p. 54, Cour d'Appel de Paris (1re Ch.), tal-11 ta' Mejju 1993, RIDA 1993, 157, 340, Cour d'Appel de Versailles (1re Ch.), tas-17 ta' Marzu 1994, RIDA 1995, avr., 350, Cour d'Appel de Paris (1re Ch.), tal-25 ta' Jannar 2012, *S.A. Editrice du Monde/Société Messagerie Lyonnaise de Presse, Société Sonora Media*, TGI Paris (3ème Ch.), it-13 ta' Frar 2001, *SNC Prisma Presse et EURL Femme / Charles V.* u *Association Apodeline*.

25 — BGH GRUR 1994, 206 — *Alcolix*, BGH GRUR 1994, 191, 193 — *Asterix-Persiflagen*, BGH NJW 2003, 3633, 3635 — *Gies-Adler*; BGH GRUR 2000, 703, 704 — *Mattscheibe*.

26 — BGH GRUR 1971, 588, 589-590 — *Disney Parodie*. Fil-ġurisprudenza sussegwenti tiegħu l-BGH ċaħad dan il-kriterju b'mod espliċitu. BGH GRUR 2000, 703, 704 — *Mattscheibe*.

61. Filwaqt li tifformula din l-alternattiva, il-hof van beroep tfakkarna f'żewġ tipi differenti ta' parodija skont l-għan jew l-intenzjoni tagħha, li għalkemm mhux se nikkwalifika, tindirizza jew ikollha bħala suġġett ix-xogħol oriġinali stess ("parodija ta'"), jew li x-xogħol oriġinali li qed issir parodija tiegħu jkun sempliċement strument ta' intenzjonalità maħsub lejn suġġett terz, jew lejn suġġett terz ("parodija bi").

62. Dawn iż-żewġ tipi possibbli ta' parodija ġew ikkunsidrati waqt is-seduta. Il-kwistjoni hija jekk huwiex parodija fis-sens tad-Direttiva kemm tip wieħed jew ieħor jew, inkella, huwiex parodija biss dak li huwa mmirat lejn ix-xogħol oriġinali, bħala xogħol "li qed issir parodija tiegħu" fis-sens strett tal-espressjoni.

63. Il-kwistjoni, mqajma b'dan il-mod, hija importanti minħabba li l-każ imqajjem fil-kawża prinċipali ma jikkonċernax dan l-aħħar tip. Huwa, mingħajr dubju, każ ta' parodija "bi". Il-qoxra tal-komik ġiet immanipolata bil-għan li tagħti messaġġ li ma għandux x'jaqsam max-xogħol oriġinali, li rigward tiegħu l-immaġini inkwistjoni ma tidhirx li tesprimi xi kriterju.

64. Jiena inklinat li nemmen li l-kunċett ta' parodija li jinsab fid-Direttiva ma għandux jiġi limitat għall-każ ta' parodija li s-sens tagħha jiġi eżawrit fix-xogħol oriġinali li qed issir parodija tiegħu. Forsi jista' jiġi argumentat li, mill-perspettiva tat-teorija tal-letteratura, l-iktar tip li għandu għeruq ta' parodija użat huwa dak li għandu l-għan ewlieni li jipproġetta ruħu, indipendentement mill-intenzjoni, fuq ix-xogħol oriġinali. Irrispettivament minn dan, wieħed ma jistax jiċħad li l-kritika tal-użanżi, il-kritika soċjali u l-kritika politika nqdew ukoll, minn żminijiet antiki, u għal raġunijiet ċari ta' effettività fil-messaġġ, bil-mezz privileġġat li jinvolvi l-alterazzjoni ta' xogħol li diġà kien jeżisti, li jista' jintgħaraf b'mod suffiċjenti mill-pubbliku li l-kritika tkun indirizzata lilu.

65. Finalment, nifhem li t-tip ta' parodija li, għall-konvenjenza tal-lingwa, qed niddeskrivi bħala "parodija bi" llum insibuh biżżejjed fil-"kultura ta' komunikazzjoni" tagħna u għalhekk ma jistax jiġi eskluż meta jitfassal il-kunċett ta' "parodija" fis-sens tad-Direttiva. Għaldaqstant, għandha tiġi analizzata l-kwistjoni tal-effett li jixtieq isegwi l-awtur tal-parodija.

b) L-effett tal-parodija

66. Diġà kien hemm okkażjoni biex jiġi vverifikat kif, fid-definizzjonijiet normali tad-dizzjunarji tal-lingwa nsibu element intenzjonali relatat mal-effett mixtieq fil-parodija, b'tali mod li l-imitazzjoni hija deskritta alternattivament bħala "*burlesca*", "*burlesque*", "*komisch*" jew "*scherzh[aft]*", "*grappige [...] om iets bespottelijk te maken*" u finalment "*for the purposes of ridicule*".

67. Fil-qosor, il-parodija għandha effett partikolari, kważi bħala konsegwenza neċessarja tal-elaborazzjoni mill-ġdid ta' xogħol preċedenti. Din l-akkoljenza selettiva, biex insejħulha hekk, hija dik li fiha nnifisha għandha tipproduċi ċertu effett fuq id-destinatarji, bir-riskju li tikkostitwixxi fjask totali.

68. Il-kwistjoni li naħseb li hija l-iktar diffiċli hija dik ta' restrizzjoni jew tal-inqas ta' preċiżjoni normali ta' dan l-element ta' intenzjonalità jew funzjonalità għal li "jwaqqa' għaċ-ċajt", ikun "komiku" u anki ċ-ċajt. Speċjalment meta wieħed iqis l-isfond enormi ta' serjetà li jista' jkollha espressjoni umoristika, jew ir-rilevanza, li diffiċli li tiġi esaġerata, li l-kummiedja traġika setgħet kellha f'uħud mill-kulturi tagħna: liema livell ta' komiċità, biex nagħti eżempju magħruf, jista' jkollha parodija partikolari tar-rumanzi medjevali dwar il-kavallerija?

69. Fi kwalunkwe każ, b'riferiment għal dak li "jwaqqa' għaċ-ċajt" bħala deskrizzjoni normali tad-dimensjoni intenzjonali tal-parodija, inqis li l-Istati Membri għandhom marġni ta' diskrezzjoni kunsiderevoli fid-determinazzjoni ta' jekk ix-xogħol inkwistjoni għandux din il-kundizzjoni ta' parodija [27].

70. Fl-aħħar nett, il-parodija, minn din il-perspettiva li qed insejħilha funzjonali, hija *forma ta' espressjoni artistika* u hija manifestazzjoni tal-*libertà ta' espressjoni*. Din tista' tkun waħda jew l-oħra, u tista' tkun iż-żewġ affarijiet f'daqqa. Dak li huwa importanti għall-finijiet tagħna huwa li l-każ li l-qorti tar-rinviju għandha quddiemha jaqa', b'mod predominanti, taħt kuntest ta' libertà ta' espressjoni, b'tali mod li dak li huwa maħsub li jiġi trażmess permezz ta' din l-immaġni, b'mod iktar effettiv, huwa messaġġ politiku partikolari.

c) Il-kontenut tal-parodija: l-impatt tad-drittijiet fundamentali

71. Hawhekk jeħtieġ li terġa' titqies il-kwistjoni tal-forma u tal-kontenut tal-messaġġ politiku li għandha l-għan li twassal il-qoxra tal-kalendarju li Johan Deckmyn qassam fir-riċeviment tal-ewwel tas-sena tal-Kunsill ta' Gent.

72. Fil-kawża prinċipali l-partijiet iddiskutew quddiem il-qorti ċivili l-portata tal-kunċett "parodija" bħala eċċezzjoni, prevista fl-ordinament ġuridiku, għad-drittijiet tal-awtur. Id-detenturi attwali tad-drittijiet tax-xogħol urew, b'mod manifest, min-naħa l-oħra, il-kontenut u finalment il-messaġġ inekwivoku tal-qoxra kkontestata: ix-xogħol oriġinali huwa mibdul permezz ta' żewġ tipi ta' tibdiliet: minn naħa waħda, minflok il-"benefattur" hemm personalità politika, min-naħa l-oħra l-benefiċjarji, oriġinarjament mhux speċifiċi, tal-ġenerożità tiegħu huma mibdulin, b'mod ugwalment inekwivoku, f'immigranti jew fi kwalunkwe każ f'residenti "barranin" sabiex jitwassal il-messaġġ ta' Vlaams Belang. Sa fejn ix-xogħol oriġinali, permezz ta' din il-manipolazzjoni, jintuża bħala mezz biex jingħata messaġġ politiku li d-detenturi tad-drittijiet tax-xogħol, bi drittijiet sħaħ, jistgħu ma jaqsmux u li fil-fatt ma jaqsmuhx, titqajjem il-kwistjoni, b'mod definittiv, dwar jekk il-qorti għandhiex tinkorpora fl-evalwazzjoni tagħha tal-allegata eċċezzjoni ta" "parodija" *il-kontenut* tal-imsemmi messaġġ politiku.

73. Il-qorti tar-rinviju hija dik li, ċertament bl-għan li tiġbed l-attenzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fuq il-kontenut tal-immaġni inkwistjoni, tikkonfrontana b'diversi drittijiet tal-Karta. Huwa dan l-istess tħassib li wassal lill-Qorti tal-Ġustizzja biex titlob lill-partijiet ikkonċernati msemmija fl-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja biex jagħmlu osservazzjonijiet dwar l-impatt li, fl-interpretazzjoni tal-kunċett ta' parodija, jista' jkollhom diversi drittijiet fundamentali rikonoxxuti fil-Karta (Artikoli 1 (id-dinjità tal-bniedem), 11(1) (il-libertà ta' espressjoni u tal-informazzjoni), 13 (il-libertà tal-arti u x-xjenzi), 17 (id-dritt għall-proprjetà), 2(1) (in-nondiskriminazzjoni) u 22 (id-diversità kulturali, reliġjuża u lingwistika)).

74. Bi tweġiba għal din il-mistoqsija, ir-Renju tal-Belġju esprima l-fehma li d-drittijiet fundamentali tal-Karta huma mingħajr dubju rilevanti fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "parodija". Huwa saħaq li, minn perspettiva oħra, id-drittijiet tal-awtur jistgħu jitqiesu bħala limitazzjoni tal-libertà ta' espressjoni fis-sens tal-Artikolu 52 tal-Karta, fejn huwa meħtieġ li d-drittijiet inkwistjoni jkunu suġġetti għal kunsiderazzjoni mill-qorti nazzjonali. Skont il-Belġju, id-drittijiet li għandhom jiġu kkunsidrati ma jinkludux biss id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (inklużi d-drittijiet morali) u l-libertà ta' espressjoni, iżda wkoll id-drittijiet l-oħrajn tal-Karta, inklużi d-drittijiet imsemmija mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-proċedura tagħha.

27 — Bħala eżempji ara BGH NJW 1958 — *Sherlock Holmes*; BGH NJW 1971, 2169, 2171 — *Disney-Parodie*; Cour d'Appel de Paris (2ème Ch.) it-18 ta' Frar 2011, 09/19272; AP de Barcelona (Sezzjoni 15a), 10 ta' Ottubru 2003, 654/2001. Hess, G., *Urheberrechtsprobleme der Parodie*, Baden-Baden, Nomos, 1993, p. 134.

75. Il-Kummissjoni, min-naħa tagħha, enfasizzat li, skont il-premessa 3 tad-Direttiva, il-leġiżlatur kellu l-għan li jirrispetta d-drittijiet fundamentali, speċjalment id-dritt tal-proprjetà intellettwali u l-libertà ta' espressjoni. Għalhekk, f'dan il-każ għandhom jiġu rrikonċiljati dawn iż-żewġ drittijiet u jinstab bilanċ ġust bejniethom. Id-Direttiva għandha tiġi interpretata speċjalment skont dawn iż-żewġ drittijiet. Fil-kuntest tal-applikazzjoni tad-Direttiva, il-qorti nazzjonali għandha tirrispetta wkoll id-drittijiet fundamentali l-oħrajn.

76. Sa liema punt tista' tiġi kkundizzjonata mid-drittijiet fundamentali l-interpretazzjoni tal-portata tal-eċċezzjoni tal-parodija mwettqa mill-qorti ċivili? Finalment, din hija d-domanda diffiċli li se tingħata risposta għalija fl-aħħar punt ta' dawn il-konklużjonijiet.

77. Mill-bidu tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar id-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari fil-kuntest tal-assenza ta' dikjarazzjoni ta' drittijiet fis-sens klassiku tal-kelma, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li d-drittijiet fundamentali huma rrikonoxxuti u ggarantiti fl-Unjoni bħala "prinċipji ġenerali" tal-ordinament ġuridiku tagħha. Hekk huwa ddikjarat illum fl-Artikolu 6(3), *in fine*, TUE. It-tfakkira għall-punt 4 tal-*Internationale Handelsgesellschaft* hija, f'dan ir-rigward, obbligatorja, u fl-istess ħin bilkemm neċessarja [28].

78. Huwa hekk, fi kwalunkwe każ, kif il-perċezzjoni oriġinali tad-drittijiet fundamentali, fil-kuntest tal-Unjoni, bħala kategorija koperta mill-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni ffaċilitat l-użu tagħhom bħala kriterju ġenerali ta' interpretazzjoni ta' dan id-dritt [29].

79. Għalhekk, lanqas ma għandu jkun sorprendenti li l-ġurisprudenza stabbilita li tgħid li d-dritt idderivat tal-Unjoni għandu jiġi interpretat b'mod konformi mad-dritt primarju inkluża l-Karta [30] jkollha rilevanza wkoll fil-każ ta' regola tad-dritt idderivat li tapplika bejn individwi [31]. B'mod partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat l-importanza li jinstab bilanċ ġust bejn id-diversi drittijiet fundamentali applikabbli f'dawk il-każijiet li jistgħu jidħlu f'kompetizzjoni ma' xulxin [32]. F'termini konċiżi iżda espressivi tal-Qorti tal-Ġustizzja, "ma jistax ikun hemm każ li jkun għalhekk jaqa' taħt id-dritt tal-Unjoni mingħajr ma jkunu applikabbli l-imsemmija drittijiet fundamentali" [33].

28 — "Peress li, fil-fatt, ir-rispett tad-drittijiet fundamentali jagħmel parti integrali mill-prinċipji ġenerali tad-dritt, li r-rispett tagħhom huwa ggarantit mill-Qorti tal-Ġustizzja; li s-salvagwardja ta' dawn id-drittijiet, għalkemm hija ispirata minn tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri, għandha tiġi garantita fil-kuntest tal-istruttura u tal-għanijiet tal-Komunità; [...]", Internationale Handelsgesellschaft (11/70, EU:C:1970:114), punt 4; ara Stauder (29/69, EU:C:1969:57), punt 7; Nold (4/73, EU:C:1974:51), punt 13; Bryde, B.-O., *The ECJ's fundamental rights jurisprudence — a milestone in transnational constitutionalism*, fi: Poiares Maduro, M., u Azoulai, L., (ed.), *The Past and Future of EU Law*, Oxford, Hart, 2010, p. 119; Kumm, M., *Internationale Handelsgesellschaft, Nold and the New Human Rights Paradigm*, fi: *Ibid*., p. 106.

29 — Din il-konnessjoni bejn id-drittijiet fundamentali u l-kategorija ta' prinċipji ġenerali ta' ordinament ġuridiku partikolari, li hija tipika tad-duttrina fundamentali fl-Unjoni, hija marbuta b'mod spontanju ma' viżjoni partikolari tad-drittijiet fundamentali li tista' titqies bħala inkluża fit-"tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri", stabbilit bl-istess mod fl-Artikolu 6(3) TUE. B'mod konformi ma' din it-tifsira, użata b'mod wiesa' bejn l-Istati Membri, għalkemm b'ambitu differenti ħafna, id-drittijiet fundamentali ma jintużawx biss fid-dimensjoni primarjament "suġġettiva" tagħhom, iżda jikkontribwixxu biex jikkundizzjonaw it-tifsira tal-ordinament ġuridiku kollu. Ara Wahl, R., *Lüth und die Folgen*, fi: Henne, T., u Riedlinger, A., (ed.), *Das Lüth-Urteil aus (rechts-)historischer Sicht*, Berlin, BWV, 2005, p. 371; R. Wahl, *Die objektiv-rechtliche Dimension der Grundrechte im internationalen Vergleich*, fi: Merten, D, u Papier, H-J (ed.), *Handbuch der Grundrechte. Band I*, Heidelberg, C.F. Müller, 2004, p. 745.

30 — Il-Kummissjoni vs Strack (C-579/12 RX II, EU:C:2013:570), punt 40; McDonagh (C-12/11, EU:C:2013:43), punt 44; Ordre des barreaux francophones et germanophone *et* (C-305/05, EU:C:2007:383), punti 28 u 29; Klensch *et* (201/85 u 202/85, EU:C:1986:439), punt 21; Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (218/82, EU:C:1983:369), punt 15.

31 — Alemo-Herron *et* (C-426/11, EU:C:2013:521), punt 30; Werhof (C-499/04, EU:C:2006:168) punti 31-33. Ara wkoll il-konklużjonijiet Dominguez tal-Avukat Ġenerali Trstenjak (C-282/10, EU:C:2011:559) punt 83; il-konklużjonijiet The International Transport Workers' Federation u The Finnish Seamen's Union tal-Avukat Ġenerali Poiares Maduro (C-438/05, EU:C:2007:292) punti 29-44.

32 — Ara Promusicae (C-275/06, EU:C:2008:54), punt 68; Lindqvist (C-101/01, EU:C:2003:596), punti 84-87 kif ukoll il-premessi 31 u 3 tad-Direttiva.

33 — Åkerberg Fransson (C-617/10, EU:C:2013:105), punt 21.

80. F'dan ir-rigward, jidher evidenti li f'każ bħal dak li ta lok għall-kawża prinċipali, l-ewwel mill-valuri dedotti mill-Karta huwa li l-qorti tal-kawża prinċipali għandha tqis il-libertà ta' espressjoni, li tinsab fl-Artikolu 11(1). Il-Qorti tal-Ġustizzja, fuq il-bażi tal-ġurisprudenza tal-QEDB, enfasizzat il-pożizzjoni prominenti tal-libertà ta' espressjoni f'soċjetà demokratika [34], bħas-soċjetà ċivili Ewropea, u iktar partikolarment meta l-libertà ta' espressjoni tidher bħala strument u għas-servizz tal-ispazju pubbliku Ewropew, kemm fil-livell tal-Unjoni, kif ukoll fil-livell ta' kull wieħed mill-Istati. Skont l-Artikolu 10(2) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-libertà ta' espressjoni għandha tiġi rrispettata wkoll fil-każ ta' informazzjoni u ideat li jixxukkjaw, jinkwetaw jew joffendu [35].

81. Fil-qosor, dejjem b'kunsiderazzjoni tal-fatt li l-parodija tikkonforma b'mod effettiv mar-rekwiżiti diġà msemmija, interpretazzjoni tal-kunċett ta' parodija mill-qorti ċivili, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, għandha bħala prinċipju tkun favur l-eżerċizzju tal-libertà ta' espressjoni permezz ta' dan il-mezz uniku. Il-problema, madankollu, hija dik tal-limiti tal-kontenut tal-messaġġ u l-kunsiderazzjonijiet li ġejjin jindirizzaw dan.

82. Għalhekk huwa immedjatament meħtieġ li wieħed jinnota li l-libertà ta' espressjoni qatt ma tkun assolutament "mingħajr limiti" f'soċjetà demokratika [36], u dan għal diversi raġunijiet, kemm ta' forma kif ukoll ta' sustanza, li ma huwiex meħtieġ li niddiskutihom hawnhekk: F'dan ir-rigward, biżżejjed li jitfakkar il-kliem tal-Artikolu 10(2) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Minbarra dan fil-Karta hemm inkluż mhux biss il-libertà ta' espressjoni, iżda wkoll valuri oħrajn li xi kultant jistgħu jidħlu f'kompetizzjoni magħha, id-dinjità tal-bniedem (Artikolu 1) l-ewwel, flimkien ma' serje oħra ta' libertajiet u drittijiet, jiġifieri l-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni bbażata fuq ir-razza jew fuq ir-reliġjon (Artikolu 21).

83. Fin-nukleu aħħari ta' dawn il-limiti għandha tiġi identifikata l-preżenza tat-twemmin li għandu għeruq l-iktar fil-fond fis-soċjetà Ewropea, li hija soċjetà li ma hijiex mingħajr storja u żgur li ma hijiex mingħjar kultura [37]. Fil-leġiżlazzjoni li tirriżulta, it-twemmin imsemmi rriżulta partikolarment fid-Deċiżjoni Kwadru dwar il-ġlieda kontra ċerti forom u espressjonijiet ta' razziżmu u ksenofobija permezz tal-liġi kriminali [38].

84. Huwa ċar li l-qorti ċivili li għandha tiddeċiedi dwar id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali ma hijiex mitluba fundamentalment biex tagħti effett lil dawk il-limiti, ta' natura kriminali, fil-każ ta' tilwima bejn individwi. Il-qorti ċivili bl-ebda mod ma hija mitluba tissostitwixxi lill-qorti kriminali fir-repressjoni ta' dan l-aġir. Iżda, fl-istess ħin, għandu jingħad ukoll li l-qorti ċivili lanqas ma tista' tinjora, fil-ħidma ermenewtika tagħha, li "l-Karta teżisti", jiġifieri, li teżisti ċerta potenzjalità, inkluż fil-kuntest ta' kawża ċivili.

85. B'kunsiderazzjoni tal-"preżenza" li għandha tiġi rrikonoxxuta tad-drittijiet fundamentali fl-ordinament ġuridiku kollu kemm hu, inqis li, fil-prinċipju u mill-perspettiva stretta tal-kunċett ta' parodija, ma għandhiex tiġi eskluża minn dan il-kunċett immaġni partikolari minħabba s-sempliċi fatt li l-messaġġ ma huwiex maqsmum mal-awtur tax-xogħol oriġinali jew jista' jistħoqqlu li jiġi miċħud

34 — Connolly vs Il-Kummissjoni (C-274/99 P, EU:C:2001:127), punt 39; Il-Kummissjoni vs Cwik (C-340/00 P, EU:C:2001:701), punt 18; TEDH, Handyside vs Ir-Renju Unit, 7 ta' Diċembru 1976, Serje A Nru 24, punt 49; TEDH, Vogt vs Il-Ġermanja, 26 ta' Settembru 1995, Serje A Nru 323, punt 52.

35 — Ara Handyside vs Ir-Renju Unit, 7 ta' Diċembru 1976, serje A nru 24, paragrafu 49; Soulas *et* vs Franza, 10 ta' Lulju 2008, 15948/03, paragrafu 35; Le Pen vs Franza, 20 ta' April 2010, 18788/09; Grabenwarter, C., *European Convention on Human Rights*, München, Beck, C.H., 2014, Artikolu 10 punt 28.

36 — Schmidberger (C-112/00, EU:C:2003:333), punt 79; u Familiapress (C-368/95, EU:C:1997:325), punt 26, ara wkoll l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

37 — Häberle, P., *Europäische Rechtskultur*, Baden-Baden, Nomos, 1994.

38 — Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/913/ĠAI, tat-28 ta' Novembru 2008, dwar il-ġlieda kontra ċerti forom u espressjonijiet ta' razziżmu u ksenofobija permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 328, p. 55).

mill-parti kbira tal-pubbliku. Madankollu, distorsjonijiet tax-xogħol oriġinali li, fil-forma jew fis-sustanza, jagħtu messaġġ li jmur radikalment kontra t-twemmin l-iktar fond tas-soċjetà [39], u li fuqu huwa mibni u jeżisti [40] l-ispazju pubbliku Ewropew ma għandhomx jiġu aċċettati bħala parodija, u l-awturi tax-xogħol li bl-għajnuna tagħhom tinħoloq il-parodija għandhom dritt li jinfurzaw dan.

86. Fl-aħħar nett, huwa ċar ukoll li l-ispazju pubbliku Ewropew, għalkemm parzjalment biss, huwa mibni fuq numru ta' spazji pubbliċi nazzjonali li ma humiex kompletament interkambjabbli. Il-Qorti tal-Ġustizzja kellha l-okkażjoni li tapprezza din l-identità differenti, partikolarment f'Omega [41] , fir-rigward tad-dinjità tal-bniedem.

87. Il-kwistjoni dwar jekk, f'dan il-każ partikolari, it-tibdiliet li saru fuq ix-xogħol oriġinali sarux fir-rispett ta' dak li kkwalifikajt bħala t-twemmin li għandu għeruq l-iktar fil-fond fis-soċjetà Ewropea hija xi ħaġa li għandha tiddeċiedi dwarha l-qorti nazzjonali.

88. Bħala konklużjoni, inqis li l-qorti ċivili, meta tinterpreta kunċett bħal dak tal-"parodija", għandha, sa fejn ikun meħtieġ f'dak il-każ partikolari, tieħu ispirazzjoni mid-drittijiet fundamentali stabbiliti fil-Karta, billi tagħmel il-kunsiderazzjonijiet dovuti bejniethom f'sitwazzjonijiet fejn iċ-ċirkustanzi tal-każ jeħtieġu dan.

V. **Konklużjoni**

89. Fid-dawl tal-osservazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej għad-domandi magħmula mill-hof van beroep:

1. Il-kunċett ta' "parodija" fl-Artikolu 5(3)(k) tad-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Mejju 2001, dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni huwa kunċett awtonomu tad-dritt tal-Unjoni.

2. "Parodija" fis-sens tal-Artikolu 5(3)(k) tad-Direttiva 2001/29 hija xogħol li, b'intenzjoni li jwaqqa' għaċ-ċajt, jgħaqqad elementi ta' xogħol preċedenti li jintgħaraf b'mod ċar ma' biżżejjed elementi oriġinali biex ma jiġix raġonevolment konfuż max-xogħol oriġinali.

3. Meta tiġi biex tinterpreta dan il-kunċett ta' parodija, il-qorti ċivili għandha tieħu ispirazzjoni mid-drittijiet fundamentali stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, billi tagħmel il-kunsiderazzjonijiet dovuti bejn dawn id-drittijiet f'sitwazzjonijiet fejn iċ-ċirkustanzi tal-każ jeħtieġu dan.

39 — Ara, f'dan is-sens, bħala eżempju, is-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali ta' Spanja, STC 214/1991, tal-11 ta' Novembru 1991 (*Violeta Friedman*) u STC 176/1995, tal-11 ta' Diċembru 1995 (*Hitler=SS*).

40 — Ara Curtin, D. M., '*Civil Society' and the European Union*: *Opening Spaces for Deliberative Democracy*?, fil-European University Institute (ed.), *Collected Courses of the Academy of European Law 1996 Volume VII Book 1*, The Hague, Kluwer, 1999, p. 185.

41 — Omega (C-36/02, EU:C:2004:614) punt 34.